## 28 ta' April, 1965

## Imhallef:

## Onor. Dr. V.R. Sammut, B.A., LL.D.

Antonio Borg

*versus*

Mary Borg noe et.

**Denegata Paternità — Terminu biex isir l-azzjoni — Ċelament tat-Twelid — Art. 86 Kod. Ċiv.**

*L-azzjoni tad-denegata paternità trid tiġi istitwita fi żmien tliet xhur dekorribbli (a) mid-data tat-twelid jekk huwa f'dak iż-żmien kien jinsab f'dawn il-Gżejjer, (b) mid-data tar-ritorn tiegħu f'każ li hu kien imsiefer, u (c) mid-data li hu jikxef il-qerq, f'każ li t-twelid ikun ġie lilu moħbi.*

*Huwa dibattut fid-duttrina jekk iċ-ċelament tat-twelid jistax jirriżulta mis-sempliċi silenzju ta' l-omm, speċjalment meta din tgħix separata minn żewġha, jew inkella jirrikjedix atti pozitivi li bihom jiġi moħbi lir-raġel it-twelid. Però huwa żgur

*li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u ma jikkunsidrax is-silenzju ta' l-omm isolatament.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa — premess li fit-12 ta' Mejju, 1947, fis-26 ta' Ottubru, 1948 u fid-19 ta' April, 1950, twieldu rispettivament mill-konvenuta Mary Borg, mart l-attur, it-tfal minuri Emanuela, Gerard u Victor aħwa Borg (Dok: A, B u C, esibiti maċ-ċitazzjoni) u ġew reġistrati fir-reġistru pubbliku bħala tfal ta' l-attur u ta' martu fuq riferita u premess li dawna t-tfal twieldu minn relazzjonijiet illeċiti tal-konvenuta Mary Borg ma' persuna oħra; u premess li fiż-żmien kollu tal-ġestazzjoni ta' l-imsemmija minuri l-attur qatt ma kellu u anqas seta' jkollu relazzjonijiet ma' l-imsemmija martu għaliex kien imbiegħed minnha u minħabba aċċidenti jew ġrajja oħra li jirriżultaw; u premess li l-imsemmija martu kienet ikkommettiet adulterju u ġew lill-attur miżmuma, moħbija lilu tant it-twelid ta' l-imsemmija tfal kif ukoll il-gravidanza ta' l-omm — talab li (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmija tfal minuri Emanuela, Gerard u Victor aħwa Borg mhumiex tfal ta' l-attur, iżda għandhom bħala missier xi persuna oħra mhux magħrufa, għall-raġunijiet fuq imfissrin; u (2) dina l-Qorti tordna lill-konvenut Scicluna nomine biex jagħmel l-annotazzjoni relativa fl-attijiet tat-twelid ta' l-imsemmija minuri billi, okkorrendo jiġu modifikati u korretti konformement għad-dispożitiv ta' dina s-sentenza kull fejn jirriżulta li l-attur huwa missier l-istess aħwa Borg u jissostitwixxi l-kliem kanċellat bid-dikjarazzjoni li l-paternità tal-minuri mhijiex magħrufa; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

OMISSIS;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma dawn: l-attur u martu l-konvenuta Mary Borg li kellhom erbat itfal, isseparaw ruħhom "de facto" ċirka s-sena 1941 jew 1942 għar-raġuni, kif tgħid il-konvenuta, li żewġha kellu mara oħra. Meta kienu hekk separati, l-attur kien jgħix ma' mara oħra u l-konvenuta kienet tgħix ma' raġel ieħor, ċertu Manwel Cremona. Waqt illi l-konjugi Borg kienu hekk mifrudin minn xulxin il-konvenuta kellha tliet itfal, Emanuela, Gerard u Victor. Kif jidher miċ-ċertifikati tat-twelid Dok: A, B u C (fol: 5, 6, u 7) Emanuela twieldet fit-12 ta' Mejju, 1947, Gerard twieled fis-26 ta' Ottubru, 1948, u Victor twieled fid-19 ta' April, 1950. Ilkoll twieldu fil-fond Nru, 87 St. Christopher Street, Valletta, fejn il-konvenuta kienet marret toqgħod mill-Hamrun xi żmien wara li l-konjugi Borg isseparaw ruħhom, u missierhom ġie indikat fl-atti tat-twelid bħala Anthony Borg, l-attur.

L-attur, li ma jirrikonoxxix dawn t-tfal bħala tiegħu, eżerċita din l-azzjoni ta' denegata paternità fit-12 ta' Ġunju, 1957.

Ikkunsidrat:

Dwar l-eċċezzjoni ta' dekadenza mill-eżerċizzju ta' l-azzjoni sollevata mill-kuraturi nominati biex jirrappreżentaw kull min għandu interess (fol: 27) illi:

Skond il-paragrafu (a) ta' l-art. 86 tal-Kodiċi Ċivili, fil-każijiet illi r-raġel jista' jagħmel kawża sabiex jiċħad li jagħraf tifel bħala ibnu, hu għandu jagħmel l-azzjoni "fi żmien tliet xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iż-żmien kien jinsab f'dawn il-Gżejjer";

Jekk, però, hu kien nieqes minn dawn il-Gżejjer fiż-żmien tat-twelid, allura, skond il-paragrafu (b) ta' l-istess artikolu, t-tliet xhur jibdew jiddekorru minn meta jiġi lura

f'dawn il-Gżejjer;

Jekk, imbagħad, it-twelid ikun lilu moħbi, il-paragrafu (c) ta' l-imsemmi artikolu jippermettielu jaġixxi fi żmien tlett xhur minn dak nhar li huwa jikxef il-qerq.

OMISSIS;

Jibqa' li jiġi eżaminat jekk l-attur jistax jinvoka favur tiegħu l-para. (c) ta' l-imsemmi artikolu, skond liema t-terminu tad-dekadenza ma jibdiex jgħaddi kontra tiegħu fil-każ li kien hemm ċelament tat-twelid, ħlief minn bi skoperta ta' qerq eżerċitat minn martu;

Huwa dibattut fid-dottrina jekk iċ-ċelament tat-twelid jikkonsisti fis-sempliċi silenzju ta' l-omm, speċjalment meta l-omm tkun tgħix separata minn żewġha, jew inkella jirrikjedix atti posittivi li bihom jiġi moħbi lir-raġel it-twelid;

L-attur, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu (fol. 70) jissottometti, b'ċitazzjoni tal-**Baudry-Lacantinerie** (Vol. IV, para. 490, paġ. 420) illi ċ-ċelament tal-gravidanza u tat-twelid "può risultare dal **solo silenzio** tenuto dalla moglie verso il marito. Non si può certo farne una regola generale, perchè il non annunciare la nascita non è necessariamente il nasconderla. Ma ben possono darsi tali circostanze che il silenzio tenuto dalla moglie equivalga al celamento. E' questione di fatto".

Fit-tesi ta' l-attur, meta jkun hemm separazzjoni "a mensa et thoro" għalkemm mhux legalment, "il-mara ma għandhiex bżonn tirrikorri għal sotterfugi jew makkinazzjonijiet frawdolenti oħra biex taħbi l-gravidanza u t-twelid, għas-sempliċi raġuni illi d-distakk ta' bejniethom huwa suffiċjenti biex jiġġenera fil-mara adultera sens ta' ċertezza li żewġha mhux

sejjer jaf bit-twelid, u għalhekk ma għandhiex bżonn tirrikorri għall-fatt taċ-ċelament li qiegħed jivverifika ruħu awtomatikament għaliex l-isvolġiment tiegħu qiegħed isir barra millkontroll tar-raġel";

Fl-istess nota l-attur jiċċita wkoll il-**Laurent** kif jingħad iżjed 'il quddiem; u f'nota oħra tiegħu fol: 127 jirriporta oltre ċitazzjonijiet kontenuti fil-monografija li jissemmew ukoll aktar 'il quddiem, iċ-ċitazzjonijiet li ġejjin:

**Fadda** Vol. I, art. 165, no. 32: "Anche il silenzio serbato dalla moglie verso il marito sulla nascita del figlio sarebbe argomento sufficiente a desumere la dolosa occultazione richiesta dalla legge; No. 33: La convivenza nella stessa casa non esclude l'ignoranza della gestazione quando sia assodato che il marito in quel tempo pernottava in una stanza separata da quella della moglie e si asteneva da qualunque contatto con essa, u No. 22: L'ignoranza del marito circa la gestazione induce altresi l'estremo dell'occoltamento della nascita agli effetti del disconoscimento della paternità";

**Foro Italian — Repertorio:** Vol. 38. Col. 514, No. 19: "Nel disconoscimento di paternità basta che sia stata celata la gravidanza dell'adultera, non essendo necessario l'uso di arti subdole e fraudolenti". Vol. 39, Col. 561, No. 14: "Perchè il marito possa proporre l'azione di disconoscimento di figliazione legittima nel caso di adulterio della moglie che viva di lui separato, basta che costei gli abbia occullato la nascita, e non occorre provare che essa abbia posto in essere dissimulazione ed arti subdole per nascondere la nascita";

**Commentario del Codice Civile,** Lib. I, Tomo II, pag. 38, Edizione U.T.E.T., 1958: "Il celamento deve riportarsi alla iniziativa della moglie; esso sussista sicuramente quando corrisponde ad una deliberata volontà della moglie, e ancor più

quando sia frutto di una macchinazione preordinata al fine di tener nascosta al marito la gravidanza e la nascita del figlio, ma si ammette anche la sufficienza della omissione della doverosa communicazione al marito qualora i coniugi siano separati";

**Enciclopedia del Diritto**: Disconoscimento di Paternità (No. 6) Vol. XIII, Edizione 1964: "In relazione dell'ipotesi in esame, taluni punti possono dirsi fermi: La regola che il celamento deve poter essere ricondotto alla volontaria iniziattiva della moglie, senza che peraltro occorra una sua manovra preordinato al fine del celamento".

Il-konvenuti Dottor Carmelo Agius u P.L. Edoard Axiaq Mifsud nomine, oltre li fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, fol: 64, għamlu riferenza għas-sentenzi riportati fil-Vol. XXIX, i, 762, XXXI, ii, 153 u XXXV, 491, fin-nota fol: 5 qalu li d-dekadenza ta' l-azzjoni tavvera ruħha fi tliet xhur wara li tkun skoperta **l-frodi** meta jkun moħbi lir-raġel it-twelid, u illi fil-każ preżenti m'hemm ebda prova ta' xi ħabi, jew ta' xi attività oħra intiża biex iżżomm moħbi t-twelid mir-raġel jew minn xi ħadd. F'nota oħra fol: 136, komplew josservaw illi l-fatti riżultanti mill-proċess jassodaw illi la t-twelid u lanqas il-ġestazzjoni ma ġew qatt moħbija;

Fil-każ riportat fil-Vol. XXIX, i, 762, (App. 9 ta' Novembru, 1936: **Andrea Abela vs Giuseppa Abela noe et**) ġie deċiż illi l-azzjoni ta' l-attur kienet perenta bl-egħluq tat-terminu ta' dekadenza billi "l-attur, li kien jaf li martu sejra jkollha tarbija, u li hija ma kenitx taħbi...... kellu jivverifika biex jara fir-Reġistru irreġistratx xi tarbija b'ismu, imma dan ma għamlux......".

Fil-każ riportat fil-Vol. XXVI, ii, 153 (P.A. 9 ta' Novembru, 1943: **Salvu Cini vs Dr. V.R. Sammut et noe**) din l-

Qorti qalet li, għar-rigward taċ-ċelament tat-twelid li jimplika ċ-ċelament tal-gravidanza, ma setax jingħad li l-attur għamel il-prova ta' dan il-fatt, u kien ċar illi l-attur kien jaf bil-gravidanza u bit-twelid, u kompliet tgħid: "Huwa veru li l-fatt li kien jaf bit-twelid mhux biżżejjed, imma ma jirriżultax li l-omm għamlet xi ħaġa biex taħbi; jirriżulta anzi, li xejn ma għamlet. Hija marret mingħajr ħeba biex teħles fl-isptar tal-maternità u mingħajr ħeba reġistrat it-tarbija fir-Reġistru Pubbliku, sewwa mingħajr ebda tibdil, bid-dikjarazzjoni magħmula minnha stess li dik it-tarbija għandha lilha bħala omm u lill-attur bħala missierha";

Is-sentenza ppubblikata fil-Vol. XXXV, ii, 491 (P.A. **Grazio Mallia vs Av. Dr. Joseph Cassar Galea et noe**) tgħid illi: "Il-fatt tas-separazzjoni materjali tal-kontendenti...... akkopjat mal-fatt li l-attur qatt ma għix u għammar ma' martu għal 300 ġurnata qabel it-twelid tat-tarbija...... fil-fatt ma jistax iwassal għaċ-ċelament tat-twelid tat-tarbija";

Sentenzi oħra tal-Qrati tagħna li ttrattaw il-punt taċ-ċelament tat-twelid huma **Sbezzo utrinque** u **Vella utrinque,** imsemmija fil-monografija ta' l-Avukat Dr. Edward Fenech Adami, Dokument YY eżibit mill-attur fol: 129 et seq. tal-proċess;

**Fi Sbezzo utrinque** (App. 22. 11. 1882. Vol. IV. 799) l-On. Qorti ta' l-Appell, presjeduta minn Sir Adriano Dingli qalet: "Non consta di celamento volontario **con intenzione positiva** di occultare la nascita...... e la mancanza di diretta partecipazione della nascita del fanciullo all'attore non importa per se' sola il celamento contemplato dalla legge". Il-każ kien ta' mara li twielditilha tarbija waqt li kienet qegħda tiskonta pena l-ħabs u illi ma nfurmatx lil żewġha bil-gravidanza jew bit-twelid;

Fil-kawża **Epifanio Vella vs. Giuseppa Vella et** (App. 19. 2. 1940, Vol. XXX, i, 474) ġie ritenut illi: "Iċ-ċelament kontemplat mill-liġi għandu jkun pruvat **b'xi atti positivi u mhux bis-silenzju ta' l-omm,** għaliex il-leġislatur stess fl-art. 87 (Illum 86) meta iddispona fuq iż-żmien li fih ir-raġel għandu jeżerċita l-azzjoni; stabilixxa fl-aħħar paragrafu fiż-żmien tliet xhur wara li tkun mikxufa **l-frodi;** din il-kelma biss turi li l-leġislatur stess bil-kelma "ċelament" kien qiegħed jipprevedi atti ta' frodi da parti tal-mara biex taħbi t-twelid lir-raġel".

Anki jekk wieħed jakkolji t-teorija (kuntrarja għal dik aċċetata mill-On. Qorti ta' l-Appell) illi ċ-ċelament tat-twelid jista' jirriżulta anki mis-silenzju ta' l-omm, wieħed ma għandux id-dritt jikkunsidra dan is-silenzju isolatament miċ-ċirkostanzi l-oħra kollha. L-istess **Baudry-Lacantinerie** ċitat mill-attur (Vol. IV, Delle Persone, para. 490, p. 420) jgħid qabel il-paragrafu ġja imsemmi kwotat mill-attur. "Perchè vi sia ċelamento della nascita bisognerà che risulti dalle circostanze che la moglie ha avuto **l'intenzione di nascondere** al marito la nascita del figlio. Poichè è soltanto allora che nella sua condotta si può scorgere una confessione tacita della non paternità del marito".

Anki ċ-ċirkostanza tas-separazzjoni "de facto" tal-konjugi ma ġġibx talvolta illi s-sempliċi skiet ta' l-omm disġunt miċ-ċirkostanzi oħra li juru illi dina volontarjament ħbiet it-twelid, jikkostitwixxi ċelament. Il-paragrafu li l-attur jiċċita, fol: 70 tal-proċess, mill-**Laurent** (Vol. III, para. 446, paġ. 469) ma jistax ikun ta' konfort lill-attur, meta dak il-paragrafu ma jagħmilx ħlief jissottolinea illi jekk il-konjugi jgħixu separati "de facto", imma r-raġel ma jkunx assenti, huwa jiddekadi mill-azzjoni fit-terminu legali fil-każ li ma jafx bit-twelid għaliex martu ma qaltlu xejn. Kif jgħid il-Laurent: "per ciò stesso il marito è decaduto". Il-fatt stess illi din il-

lakuna fil-Kodiċi Franċiż ġiet kalmata bil-liġi tas-6 ta' Diċembru, 1850 relativa għall-każi ta' separazzjoni personali tal-konjugi, juri illi fil-leġislazzjonijiet fejn ma tesistix din il-liġi r-raġel ma għandux rimedju;

Rigward iċ-ċitazzjoni da parti ta' l-attur fin-nota fol: 128 tal-Commentario del Codice Civile, Libro I, Tomo II, pag. 38, Ediz. U.T.E.T., 1958 fit-termini: "Ma si ammette anche la sufficienza della ammissione della doverosa comunicazione al marito qualora i coniugi siano separati"; għandu jingħad illi dan il-paragrafu għandu jiġi intergrat bis-sentenza susseg-wenti, li tkompli hekk: "Si tratta comunque di un accertamento da condurre alla stregua delle circostanze del caso concreto";

Għalhekk, anki jekk wieħed jikkonsidra illi s-silenzju jista' jikkostitwixxi ċelament, għandu dejjem joqgħod wisq attent illi jeżamina kull ċirkostanza konnessa;

Kontra s-sentenzi riportati fil-Fadda, ċitati fin-nota ta' l-attur fol: 127 għandhom jiġu ċitati wkoll sentenzi oħra riportati fl-istess Fadda Vol. I art. 165, nri. 27, 30 u 31, u ċjoè:
"27. Per la prova del celamento della nascita non basta il silenzio della moglie ma occorre che questa abbia adottato precauzioni fraudolente dirette a nascondere la gravidanza e il parto (A Venezia, 13 luglio, 1893, et. e et., M, 1894, 495! Temi ven. 1894, 174);
"30. Al celamento della nascita non può equipararsi la semplice ignoranza da parte del marito, nè il semplice silenzio serbato dalla moglie sulla condizione della gravidanza e del parto (C. Firenze, 21 maggio, 1894, Naccari c. Diena e Garghia etc.)
"31. Ciò in ispecie se, vivendo essi nella stessa città, abitavano a poco distanza l'uno dall'altra e al fatto della nascita fu dato o lasciato dare dalla moglie normale pubblicità."

*L'Aubry et Rau* (*Diritto Civile para.* 545, nota 55) isostnu, bħal l-Onor. Qorti ta' l-Appell tagħna fil-kawża: Vella utrinque, illi l-prova taċ-ċelament tivverti fuq fatti positivi u mhux fuq il-passività ta' l-omm, fil-paragrafu: "Le demandeur en désaveu n'est pas obligè de prouver qu'il a ignorè la naissance; il suffit qu'il établisse qu'on l'a lui cachèe. Qu'il en resulte que la preuve a administrer pour établir le recèlement de la naissance port sur des **faits positifs**, et non sur un fait negatif";

Wara li rriflettiet sewwa fuq il-ġurisprudenza lokali u estera u d-dottrina fil-materja ta' ċelament u wara li ħadet konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ taħt eżami, din il-Qorti hija ta' l-opinjoni illi l-attur ma ppruvax li kien hemm ċelament tat-twelid tat-tfal jew ta' xi wieħed jew waħda minnhom da parti tal-konvenuta;

Fl-opinjoni tal-Qorti, anki jekk barra minn *Malta ġieli ġie* ritenut illi s-silenzju ta' l-omm jista' f'xi każi jekwivali għal ċelament, speċjalment peress illi l-konjugi jkunu jgħixu separatament f'ibliet kbar jew f'territorji fejn diffiċilment ir-raġel jista' jżomm ruħu informat bl-għemil u bil-kondotta ta' martu, dan żgur ma japplikax fil-każ preżenti. Infatti, kif ingħad l-awturi li ppronunzjaw din it-teorija kkawtelaw ruħhom billi qalu li wieħed għandu dejjem jiddeċiedi fuq l-iskorta taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ;

Fil-każ preżenti jirriżulta mill-provi prodotti illi wara li l-attur u l-konvenuta infirdu, il-konvenuta marret toqgħod il-Belt Valletta f'kerrejja f'St. Christopher Street. Kienet tgħix ma' Manwel Cremona, fatt konoxxut mill-attur......

OMISSIS;

Il-fatt li l-viċini kollha kienu mhux biss jafu li l-konve-

nuta kellha tfal, imma li stednithom għall-festin tal-magħmudija, illi meta kienet inċinta hija kienet toħroġ, illi ftit ġranet wara t-twelid marret irreġistrathom hija stess b'mod regolari, illi kienet toqgħod u toħroġ il-Belt f'post popolat, u illi żewġha l-attur, li kien joqgħod ftit mili 'l bogħod seta' faċilment, li ried, ikun jaf kollox fuqha, speċjalment ġieli kellem waqt li kienu mifrudin lil ommha jew lit-tfal li kellhom qabel is-separazzjoni, juri biċ-ċar illi l-konvenuta, għalkemm ma avżatx lil żewġha bit-tfal li kellha, ma ħbietx it-twelid tagħhom;

Presumibilment żewġha, li kif qal huwa stess ma kienx jinteressah x'tagħmel martu, ma ħassx 'il-bżonn li jsegwi l-passi tagħha u tqanqal biss meta ra illi sejra tfittxu għall-manteniment tat-tfal;

Għalhekk ċelament ma kienx hemm;

OMISSIS;

Għaldaqstant:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tad-dekadenza mill-eżerċizzju ta' l-azzjoni u tiddikjara l-azzjoni perenta; għalhekk il-Qorti ma għandhiex bżonn tidħol fil-meritu. L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.